

EBA/GL/2020/12

11.08.2020

Linji Gwida

li jemendaw l-Linji Gwida EBA/GL/2018/01 dwar divulgazzjonijiet uniformi skont l-Artikolu 473a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (CRR) dwar il-perjodu tranżitorju biex jittaffa l-impatt tal-introduzzjoni tal-IFRS 9 fuq il-fondi proprji biex tiġi żgurata l-konformità mas-CRR "soluzzjoni ta' malajr" b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.¹ F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jaqsmu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-Linji Gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti, kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għalihom japplikaw il-linji gwida, għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 12.10.2020. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitqiesu bħala mhux konformi, mill-EBA. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2020/12". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rrapportat ukoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett u destinatarji

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jemendaw il-Linji Gwida EBA/GL/2018/01 dwar divulgazzjonijiet uniformi skont l-Artikolu 473a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.² (il-“Linji Gwida”) biex jiżguraw konformità mar-Regolament (UE) Nru 575/2013.³, kif emendat bir-Regolament (UE) 2019/876.⁴ (CRR 2) u r-Regolament (UE) 2020/873.⁵ (“soluzzjoni ta’ malajr” tas-CRR).

Destinatarji

6. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

3. Implimentazzjoni

Data ta’ applikazzjoni

7. Dawn il-linji gwida japplikaw minn 11.08.2020 sa tmiem il-perjodi tranżizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 468 fil-paragrafi 6 u 6a tal-Artikolu 473a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

² https://eba.europa.eu/sites/default/documents/files/documents/10180/2084799/302d6722-c37b-4869-ba12-6d3b4a1092fb/Guidelines%20on%20uniform%20disclosure%20of%20IFRS%209%20transitional%20arrangements_MT.pdf.

³ Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1)

⁴ Regolament (UE) 2019/876 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2019 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar il-proporzjon ta’ lieva finanzjarja, il-proporzjon ta’ finanzjament stabbli nett, rekwiżiti għall-fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli, riskju ta’ kreditu tal-kontroparti, riskju tas-suq, skoperturi għal kontropartijiet ċentrali, skoperturi għal impriżi ta’ investiment kollettiv, skoperturi kbar, rekwiżiti ta’ rappurtar u divulgazzjoni, u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 1-225).

⁵ Regolament (UE) Nru 2020/873 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2019/876 fir-rigward ta’ ċerti aġġustamenti b’rispons għall-pandemija tal-COVID-19 (ĠU L 204, 26.6.2020, p. 4-17).

4. Emendi

8. Il-paragrafu 5 tal-Linji Gwida ġie sostitwit b'dan li ġej:

"5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw il-format tad-divulgazzjoni uniformi skont liema d-divulgazzjonijiet meħtieġa skont l-Artikolu 468 u 473a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 (is-"CRR") għandhom isiru."

9. Il-paragrafu 6 tal-Linji Gwida ġie sostitwit b'dan li ġej:

"6. Dawn il-linji gwida japplikaw għal istituzzjonijiet li huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni kollha, jew parti minnhom, speċifikati fil-Parti Tmienja tas-CRR, f'konformità mal-Artikoli 6, 10 u 13 tas-CRR."

10. Il-paragrafu 7 tal-Linji Gwida huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Dawn il-linji gwida japplikaw matul il-perjodi tranżizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 468 u fil-paragrafi 6 u 6a tal-Artikolu 473a tar-Regolament (UE) Nru 575/2013."

11. Il-paragrafu 12 tal-EBA/GL/2018/01 ġie emendat kif ġej:

"L-istituzzjonijiet li jagħżlu li japplikaw l-Artikolu 468 jew l-Artikolu 473a tas-CRR għandhom jimlew il-mudell kwantitattiv li jinsab fl-Anness I, f'konformità mal-istruzzjonijiet inklużi fih.

"Dawk l-istituzzjonijiet fost dawk imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 473a li jagħżlu li ma japplikawx l-Artikolu 473a għandhom jiddivulgaw il-kummentarju narrattiv dwar l-Artikolu 473a indikat fl-Anness I, f'konformità mal-istruzzjonijiet inklużi fih.

"Dawk l-istituzzjonijiet li jagħżlu li ma japplikawx it-trattament temporanju f'konformità mal-Artikolu 468 għandhom jiddivulgaw il-kummentarju narrattiv dwar l-Artikolu 468 indikat fl-Anness I, f'konformità mal-istruzzjonijiet inklużi fih."

12. L-Anness I ġie sostitwit b'dan li ġej:

Anness I — Mudell dwar it-tqabbil tal-fondi proprji u l-proporzjonijiet ta' kapital u ta' ingranaġġ tal-istituzzjonijiet stess bi u mingħajr l-applikazzjoni ta' arranġamenti tranżitorji għall-IFRS 9 jew l-analogi ECLs, u bi u mingħajr l-applikazzjoni tat-trattament temporanju f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR

Mudell IFRS 9/Artikolu 468-FL: Tqabbil tal-fondi proprji u l-proporzjonijiet ta' kapital u ta' ingranaġġ tal-istituzzjonijiet stess bi u mingħajr l-applikazzjoni ta' arranġamenti tranżitorji għall-IFRS 9 jew l-analogi ECLs, u bi u mingħajr l-applikazzjoni tat-trattament temporanju f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR

Għan: Jipprovd i tqabbil tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet, tal-kapital CET1, tal-kapital tal-Grad 1, assi mwieżna għar-riskju, proporzjon tal-kapital CET1, proporzjon tal-kapital tal-Grad 1, proporzjon tal-kapital u ta' ingranaġġ totali bi u mingħajr l-applikazzjoni tal-arranġamenti tranżitorji għall-IFRS 9 jew l-analogi ECLs. Jipprovd i tqabbil tal-fondi proprji tal-istituzzjonijiet, tal-kapital CET1, tal-kapital tal-Grad 1, tal-proporzjon tal-kapital CET1, tal-proporzjon tal-kapital tal-Grad 1, il-proporzjon totali tal-kapital u ta' ingranaġġ bi u mingħajr l-applikazzjoni tat-trattament temporanju tal-qligħ u t-telf mhux realizat imkejjel b'valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19, f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR. L-arranġamenti tranżitorji li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tal-IFRS 9 u l-analogi ECLs, u t-trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizat imkejjel b'valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor fid-dawl tal-pandemija tal-COVID-19 f'konformità mal-Artikolu 468 biss, huma kkunsidrati f'dan il-mudell.

Ambitu tal-applikazzjoni: Il-mudell kwantitattiv huwa obligatorju għall-istituzzjonijiet kollha li jagħżlu li japplikaw l-Artikolu 468 u/jew l-Artikolu 473a tas-CRR u huma soġġetti għar-rewiżiti ta' divulgazzjoni kollha jew parti minnhom speċifikati fil-Parti Tmienja tas-CRR f'konformità mal-Artikoli 6, 10 u 13 tas-CRR.

Kummentarju narrattiv dwar l-Artikolu 473a: Dawk l-istituzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 473a li huma soġġetti għar-rewiżiti ta' divulgazzjoni kollha jew parti minnhom speċifikati fil-Parti Tmienja tas-CRR iżda, skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 9 tal-istess Artikolu, jagħżlu li ma japplikawx l-arranġamenti tranżitorji speċifikati fl-Artikolu 473a għandhom minflok jiddivulgaw kummentarju narrattiv li jispjega li mhumiex qed japplikaw l-arranġamenti tranżitorji għall-IFRS 9 jew l-analogi ECLs, kwalunkwe bidla rigward dik id-deċiżjoni matul iż-żmien u li l-fondi proprji, il-proporzjonijiet ta' kapital u ingranaġġ tagħhom diġà jirriflettu l-impatt sħiħ tal-IFRS 9 jew l-analogi ECLs.

Kummentarju narrattiv dwar l-Artikolu 468: Dawk l-istituzzjonijiet li huma soġġetti għar-rewiżiti ta' divulgazzjoni kollha jew parti minnhom speċifikati fil-Parti Tmienja tas-CRR iżda, skont l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 tal-Artikolu 468, jagħżlu li ma japplikawx it-trattament temporanju speċifikat fl-Artikolu 468 għandhom minflok jiddivulgaw kummentarju narrattiv li jispjega li mhumiex qed japplikaw it-trattament temporanju speċifikat fl-Artikolu 468s, kwalunkwe bidla rigward dik id-deċiżjoni matul iż-żmien u li l-fondi proprji, il-proporzjonijiet ta' kapital u ingranaġġ tagħhom diġà jirriflettu l-impatt tal-qligħ u telf mhux irrealizzat imkejjel b'valur ġust permezz ta' introjtu komprensiv ieħor.

Il-kontenut: L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw il-valur ta' kull metrika fil-mudell kwantitattiv fit-tmiem tal-perjodu ta' rapportar.

Frekwenza: Sat-28 ta' Ġunju 2021, L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw din l-informazzjoni bil-frekwenza stabbilita fil-paragrafi 25, 26 u 27 tal-EBA GL/2014/14 kif emendati mill-EBA GL/2016/11 għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni dwar fondi proprji (paragrafu 25(a)), assi mwieżna għar-riskju (paragrafu 25(b)(i)) u l-proporzjon ta' ingranaġġ (paragrafu 25(c)). Wara t-28 ta' Ġunju 2021, jenħtieġ li l-istituzzjonijiet jiddivulgaw din l-informazzjoni bil-frekwenza meħtieġa fl-Artikoli 433a, 433b u 433c għad-divulgazzjoni tal-metriki ewlenin f'konformità mal-Artikolu 447 tas-CRR.

Format: Format fiss għall-mudell kwantitattiv. Għal istituzzjonijiet li ma japplikawx l-arranġamenti tranżitorji tal-IFRS 9, il-format tal-kummentarju narrattiv dwar l-Artikolu 473a huwa flessibbli. Għal istituzzjonijiet li ma japplikawx it-trattament temporanju f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR, il-format ta' kummentarju narrattiv dwar l-Artikolu 468 huwa flessibbli.

Narrattiv ta' akkumpanjament: L-istituzzjonijiet li japplikaw l-arranġamenti tranżitorji tal-IFRS 9 għandhom jipprovdu narrattiv li jakkumpanja l-mudell kwantitattiv li jispjega l-elementi ewlenin tal-arranġamenti tranżitorji li jużaw. Skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 7a tal-Artikolu 473a tas-CRR, l-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni dwar jekk jużawx il-kalkolu stabbilit fil-punt (b) tal-paragrafu 7 jew dwar il-kalkolu stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7a.

Skont it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 9 tal-Artikolu 473a tas-CRR, l-istituzzjonijiet għandhom, b'mod partikolari, jipprovdu spjegazzjonijiet tal-għażliet kollha tagħhom rigward l-għażliet inklużi fl-istess paragrafu, inkluż jekk humiex qed japplikaw il-paragrafu 2 u/jew il-paragrafu 4 tal-Artikolu 473a jew le, u dwar kwalunkwe bidla fl-applikazzjoni ta' dawn l-għażliet.

L-istituzzjonijiet għandhom jipprovdu wkoll spjegazzjonijiet tal-bidliet għall-metriki prudenzjali inkluża fil-mudell mill-aħħar perjodu ta' divulgazzjoni minħabba l-applikazzjoni tal-arranġamenti tranżitorji għall-IFRS 9 jew l-ECLs analogi, u/jew għall-applikazzjoni tat-trattament temporanju f'konformità mal-Artikolu 468 li fih dawn il-bidliet huma materjali.

Mudell kwantitattiv						
		a	b	c	d	e
		T	T-1	T-2	T-3	T-4
Kapital disponibbli (ammonti)						
1	Kapital CET1					
2	Kapital CET1 daqslikieku l-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ma kinux ġew applikati					
2a	Il-kapital CET1 daqslikieku t-trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI (introjtu ieħor komprensiv) f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR ma kienx ġie applikat					
3	Kapital ta' Grad 1					
4	Kapital ta' Grad 1 daqslikieku l-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ma kinux ġew applikati					
4a	Il-kapital ta' Grad 1, daqslikieku t-trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR ma kienx ġie applikat					
5	Kapital totali					
6	Kapital totali daqslikieku l-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ma kinux ġew applikati					
6a	Il-kapital totali daqslikieku t-trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI skont l-Artikolu 468 tas-CRR ma kienx ġie applikat					
Assi mwieżna għar-riskju (ammonti)						
7	Assi totali mwieżna għar-riskju					
8	Assi totali mwieżna għar-riskju daqslikieku l-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ma kinux ġew applikati					
Proporzjonijiet tal-kapital						
9	CET1 (bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju)					
10	CET1 (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju) daqslikieku l-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ma kinux ġew applikati					
10a	CET1 (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju) daqslikieku t-trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI skont l-Artikolu 468 tas-CRR ma kienx ġie applikat					
11	Grad 1 (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju)					
12	Grad 1 (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju) daqslikieku l-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ma kinux ġew applikati					
12a	Grad 1 (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju) daqslikieku t-trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR ma kienx ġie applikat					
13	Kapital totali (bħala perċentwal tal-ammont totali tal-iskopertura għar-riskju)					

14	Kapital totali (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju) daqslikieku l-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ma kinux ġew applikati					
14a	Kapital totali (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju) daqslikieku t-ttrament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR ma kienx ġie applikat					
Proporzjon ta' ingranaġġ						
15	Il-kejl tal-iskopertura totali tal-proporzjon ta' ingranaġġ					
16	Proporzjon ta' ingranaġġ					
17	Proporzjon ta' ingranaġġ daqslikieku l-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ma kinux ġew applikati					
17a	Proporzjon ta' ingranaġġ daqslikieku t-ttrament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR ma kienx ġie applikat					

Struzzjonijiet

Ringiela Numru	Spjegazzjoni
1	Ammont ta' kapital CET1 skont l-ammont iddivulgat mill-istituzzjonijiet wara l-ITS dwar id-divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji. ⁶ (ringiela 29 tal-"Mudell tad-divulgazzjoni tal-fondi proprji")
2	Ammont ta' kapital CET1 daqslikieku l-ammont tal-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ikkalkulati skont l-Artikolu 473a tas-CRR ma kinux ġew applikati
2a	Il-kapital CET1 daqslikieku t-ttrament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI skont l-Artikolu 468 tas-CRR ma kienx ġie applikat
3	Ammont ta' kapital ta' Grad 1 skont l-ammont iddivulgat mill-istituzzjonijiet wara l-ITS dwar id-divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji. (ringiela 45 tal-"Mudell tad-divulgazzjoni tal-fondi proprji")
4	Ammont ta' kapital ta' Grad 1 daqslikieku l-ammont tal-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 473a tas-CRR ma kinux ġew applikati
4a	Il-kapital ta' Grad 1, daqslikieku t-ttrament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR ma kienx ġie applikat
5	Ammont ta' kapital totali skont l-ammont iddivulgat mill-istituzzjonijiet wara l-ITS dwar id-divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ⁶ (ringiela 59 tal-"Mudell tad-divulgazzjoni tal-fondi proprji")
6	Ammont ta' kapital totali daqslikieku l-ammont tal-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 473a tas-CRR ma kinux ġew applikati
6a	Il-kapital totali daqslikieku t-ttrament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizzat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI skont l-Artikolu 468 tas-CRR ma kienx ġie applikat
7	Ammont ta' assi totali mwieżna għar-riskju skont l-ammont iddivulgat mill-istituzzjonijiet wara l-ITS dwar id-divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ⁶ (ringiela 60 tal-"Mudell tad-divulgazzjoni tal-fondi proprji")
8	Ammont ta' assi totali mwieżna għar-riskju daqslikieku l-ammont ta' IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 473a tas-CRR ma kinux ġew applikati

⁶ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1423/2013 tal-20 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-divulgazzjoni ta' rekwiżiti ta' fondi proprji għall-istituzzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 355, 31.12.2013, p. 60).

Ringiela Numru	Spjegazzjoni
9	Proporzjon tal-kapital CET1 skont il-valur iddivulgat mill-istituzzjonijiet wara l-ITS dwar id-divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ⁶ (ringiela 61 tal-"Mudell tad-divulgazzjoni tal-fondi proprji")
10	Proporzjon tal-kapital CET1 daqslikieku l-IFRS 9 jew arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ikkalkulati skont l-Artikolu 473a tas-CRR ma kinux ġew applikati. ⁷
10a	CET1 (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju) daqslikieku t-trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI skont l-Artikolu 468 tas-CRR ma kinex ġie applikat
11	Proporzjon tal-kapital ta' Grad 1 skont il-valur iddivulgat mill-istituzzjonijiet wara l-ITS dwar id-divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ⁶ (ringiela 62 tal-"Mudell tad-divulgazzjoni tal-fondi proprji")
12	Proporzjon tal-kapital ta' Grad 1 daqslikieku l-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ikkalkulati f'konformità l-Artikolu 473a tas-CRR ma kinux ġew applikati. ⁷ Error! Bookmark not defined.
12a	Grad 1 (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju) daqslikieku t-trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR ma kinex ġie applikat
13	Proporzjon tal-kapital totali skont il-valur iddivulgat mill-istituzzjonijiet wara l-ITS dwar id-divulgazzjoni tar-rekwiżiti ta' fondi proprji ⁶ (ringiela 63 tal-"Mudell tad-divulgazzjoni tal-fondi proprji")
14	Proporzjon tal-kapital totali daqslikieku l-IFRS 9 jew arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 473a tas-CRR ma kinux ġew applikati. ⁷ Error! Bookmark not defined.
14a	Kapital totali (bħala perċentwal tal-ammont tal-iskopertura għar-riskju) daqslikieku t-trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR ma kinex ġie applikat
15	Kejl ta' skopertura totali għall-proporzjon ta' ingranaġ skont l-ammont iddivulgat mill-istituzzjonijiet wara l-ITS dwar id-divulgazzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġ. ⁸ (ringiela 21 tat-tabella "LRCom: Divulgazzjoni komuni tal-proporzjon ta' ingranaġ")
16	Proporzjon tal-ingranaġ skont il-valur iddivulgat mill-istituzzjonijiet wara l-ITS dwar id-divulgazzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġ ⁸ (ringiela 22 tat-tabella "LRCom: Divulgazzjoni komuni tal-proporzjon ta' ingranaġ")
17	Il-proporzjon tal-ingranaġ ikkalkulat daqslikieku l-ammont tal-IFRS 9 jew l-arranġamenti tranżitorji tal-analogi ECLs ikkalkulati f'konformità mal-Artikolu 473a tas-CRR ma kinux ġew applikati. ⁷ Error! Bookmark not defined.
17a	Proporzjon ta' ingranaġ daqslikieku t-trattament temporanju ta' qligħ u telf mhux realizat imkejjel b'valur ġust permezz ta' OCI f'konformità mal-Artikolu 468 tas-CRR ma kinex ġie applikat
Perjodi ta' rapportar	
	Il-perjodi ta' rapportar T, T-1, T-2, T-3 u T-4 huma definiti bħala perjodi trimestrali. L-istituzzjonijiet għandhom jiddivulgaw id-dati li jikkorrispondu għall-perjodi ta' rapportar. L-istituzzjonijiet li jiddivulgaw dan il-mudell fuq bażi trimestrali għandhom jipprovdu <i>data</i> għall-perjodi T, T-1, T-2, T-3 u T-4; l-istituzzjonijiet li jiddivulgaw dan il-mudell kull sitt xhur għandhom jipprovdu <i>data</i> għall-perjodi T, T-2 u T-4; u l-istituzzjonijiet li jiddivulgaw dan il-mudell fuq bażi annwali għandhom jipprovdu <i>data</i> għall-perjodi T u T-4. Id-divulgazzjoni ta' <i>data</i> għal perjodi preċedenti mhix meħtieġa meta d- <i>data</i> tiġi ddivulgata għall-ewwel darba. Informazzjoni dwar il-perjodi preċedenti hija meħtieġa biss meta l-perjodi preċedenti huma aktar tard mid- <i>data</i> tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħhom, li tibda fl-1 ta' Jannar 2018 jew wara.
L-aħħar perjodu ta' divulgazzjoni	
	L-istituzzjonijiet iridu jiddivulgaw l-informazzjoni fir-ringieli 2, 4, 6, 8, 10, 12, 14 u 17, meta rilevanti, sa tmiem il-perjodu tranżizzjonali f'konformità mal-paragrafi 6 u 6a tal-Artikolu 473 tas-CRR.
	L-istituzzjonijiet iridu jiddivulgaw l-informazzjoni fir-ringieli 2a, 4a, 6a, 8, 10a, 12a, 14a u 17a, meta rilevanti, sa tmiem il-perjodu tranżizzjonali skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 468 tas-CRR.

⁷ Meta jiddivulgaw dan il-proporzjon, l-istituzzjonijiet għandhom jikkunsidraw dawk l-arranġamenti tranżitorji għall-IFRS 9 jew l-analogi ECLs li għandhom impatt kemm fuq in-numeratur kif ukoll fuq id-denominatur.

⁸ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/200 tal-15 ta' Frar 2016 li jistabbilixxi l-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-divulgazzjoni tal-proporzjon ta' ingranaġ għall-istituzzjonijiet, skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 39, 16.2.2016, p. 5).